DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/381

tal-4 ta' Marzu 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tikkonċerna l-emenda tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) għall-Ftehim ŻEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 43, 114 u337 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Bis-saħħa tal-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) għall-dak il-Ftehim.

(3) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Annessi II u XI għall-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness II (Regolamenti Tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

A. ANTON

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/2019

ta'…

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informatika) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika ([1]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tħassar id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament u tal-Kunsill ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement trid titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Filwaqt li l-Istati tal-EFTA jistgħu joħorġu kummenti u opinjonijiet dettaljati fir-rigward ta' regolament tekniku abbozzat innotifikat minn Stati oħra tal-EFTA, dawn jistgħu jippreżentaw biss kummenti fir-rigward ta' regolament tekniku abbozzat innotifikat mill-Istati Membri tal-Unjoni u viċi versa.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Annessi II u XI għall-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 1 (id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**32015 L 1535**: Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"It-terminu 'speċifikazzjoni teknika' jkopri wkoll il-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni użati fir-rigward ta' prodotti maħsubin għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali, u fi prodotti mediċinali kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE (kif inkorporata fil-punt 15 q tal-Kapitolu XIII tal-Anness II għall-Ftehim permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 82/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([4])) kif ukoll metodi u proċessi ta' produzzjoni relatati ma' prodotti oħra, meta dawn ikollhom effett fuq il-karatteristiċi tagħhom.";

(b) Dan li ġej għandu jiżdied fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1):

"Test sħiħ tal-abbozz tar-regolament tekniku nnotifikat għandu jkun disponibbli bil-lingwa oriġinali kif ukoll bi traduzzjoni sħiħa f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.";

([1]) ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.
([2]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.
([3]) ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18.
([4]) ĠU L 266, 3.10.2002, p. 32 u s-Suppliment ŻEE Nru 49, 3.10.2002, p. 22.

(c) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 5(1):

"Il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, minn naħa, u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew l-Istati tal-EFTA permezz tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, min-naħa l-oħra, jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri dwar abbozz ta' regolament tekniku nnotifikat.";

(d) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 5(2):

"Il-kummenti tal-Istati tal-EFTA għandhom jintbagħtu mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA lill-Kummissjoni fil-forma ta' komunikazzjoni waħda koordinata u l-kummenti tal-Unjoni għandhom jintbagħtu mill-Kumissjoni lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(e) It-termini "Stat Membru" u "Kummissjoni" fl-Artikolu 6(1), (2) u (7) għandhom jiġu sostitwiti rispettivament bit-termini "Stat tal-EFTA" u "Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA".

(f) L-Artikoli 6(3), (4), (5) u (6) ma għandhomx japplikaw."

Artikolu 2

It-test tal-punt 5i (id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI għall-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**32015 L 1535**: Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"It-terminu 'speċifikazzjoni teknika' jkopri wkoll il-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni użati fir-rigward ta' prodotti maħsubin għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali, u fi prodotti mediċinali kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE (kif inkorporata fil-punt 15 q tal-Kapitolu XIII tal-Anness II għall-Ftehim permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 82/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ([1])) kif ukoll metodi u proċessi ta' produzzjoni relatati ma' prodotti oħra, meta dawn ikollhom effett fuq il-karatteristiċi tagħhom.";

(b) Dan li ġej għandu jiżdied fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1):

"Test sħiħ tal-abbozz tar-regolament tekniku nnotifikat għandu jkun disponibbli bil-lingwa oriġinali kif ukoll bi traduzzjoni sħiħa f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.";

(c) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 5(1):

"Il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, minn naħa, u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jew l-Istati tal-EFTA permezz tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, min-naħa l-oħra, jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri dwar abbozz ta' regolament tekniku nnotifikat.";

(d) Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 5(2):

"Il-kummenti tal-Istati tal-EFTA għandhom jintbagħtu mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA lill-Kummissjoni fil-forma ta' komunikazzjoni waħda koordinata u l-kummenti tal-Unjoni għandhom jintbagħtu mill-Kumissjoni lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(e) It-termini "Stat Membru" u "Kummissjoni" fl-Artikolu 6(1), (2) u (7) għandhom jiġu sostitwiti rispettivament bit-termini "Stat tal-EFTA" u "Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA".

(f) L-Artikoli 6(3), (4), (5) u (6) ma għandhomx japplikaw.".

Artikolu 3

It-testi tad-Direttiva (UE) 2015/1535 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 266, 3.10.2002, p. 32 u s-Suppliment ŻEE Nru 49, 3.10.2002, p. 22.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President *Is-Segretarji tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma hemm indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]